MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2010

Numru 784/2008

**ILLUM 15 TA' LULJU 2010**

Il-Pulizija
(Spettur Malcolm Bondin)

vs

Malcolm Scerri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 580881M, akkuzat talli:

- nhar it-8 ta' April 2008 ghal habta tal-9.55 a.m. gewwa Triq l-Imdina, Qormi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku,

ikkaguna griehi ta' natura gravi fil-gisem jew fis-sahha fuq il-persuna ta' Anthony Gauci, skond kif iccertifikat Dr. Karen Sammut.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsiderat:

Il-kawza titratta incident tat-traffiku li fih l-imputat tajjar lil certu Anthony Gauci u b'konsegwenza kkagunalu feriti li gew klassifikati bhala gravi. Mic-certifikat mediku, esebit folio 88 u accerttat mill-imputat bhala veritier, jirrizulta li l-vittma, l-imsemmi Gauci, sofra diversi ksur. L-imputat, fil-fatt, hu akkuzat li kkaguna l-imsemmija griehi gravi meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku tajjar lill-imsemmi Gauci. Il-provi jistabbilixxu li l-incident sehh fit-8 ta' April 2008 f'Mdina Road fil-hin li l-imputat kien sejjer fid-direzzjoni ta' Haz-Zebbug isuq il-vettura tieghu Peugoet 405 fl-istess hin li s-sinistrat kien qieghed jaqsam mix-xellug tan-naha li kien qieghed isuq l-imputat. Dan ta' l-ahhar jispjega li kien wasal vicin l-istabbiliment tal-'Easysell' isuq fuq l-karreggjata ta' barra, jigifieri mas-centre strip u mill-'bus stop' fuq ix-xellug tieghu ra persuna taqsam, rah li kien qisu tul zewg karozzi l-boghod, u d-daqqa sehhet fuq ix-xellug ta' quddiem tal-vettura. Indipendentement minn kollox però l-funzjoni ta' din il-Qorti hi dik li tiggudika lill-imputat fuq l-akkuza mill-aspett kriminali, cioè, jekk l-imputat ghandux jigi tenut responsabbli kriminalment ghall-feriti gravi li garrab is-sinistrat konsegwenza tal-incident stradali. Fuq l-iskorta ta' dak li rrizulta mir-rapport tal-espert Zammit, nominat fl-inkjesta, senjatament li l-vettura tal-imputat kellha kemm it-tyres ta' wara lixxi u kemm li l-'brakes' ma kienux jorbtu u fuq kollox mill-fotogrammi esebiti mar-rapport tal-perit arkitett, wkoll nominat fl-inkjesta, din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-imputat ghandu jinstab responsabbli li

almenu minhabba traskuragni hu kkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ l-imsemmi Gauci.

Ghalhekk qeghdha ssibu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu. Wara li kkonsidrat dak li dehrilha li ghandha tikkonsidra, wkoll kull element mitiganti li ghandu jibbenefika l-imputat, rat l-Artikolu 225, 226(1)(a), 218(1)(a)(b) tal-Kap 9 u tikkundannah tlett t’elef Ewro multa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------